MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 420/2009

Vodafone Malta Limited (C 10865).

Vs

Gordon Johnson (Id. 335883M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsa u hamsin ewro u disa u tletin centezmu (€355.39) minghand il-konvenut, in konnessjoni ma *mobile phone* bin-numru 9988 8252. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-Avviz u tal-ittra ufficjali 5032/08, u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2009 fejn deher il-konvenut u ammetta t-talba attrici kif dedotta kontra tieghu.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenut stess, it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u hamsa u hamsin ewro u disa u tletin centezmu (€355.39), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------